MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 50**

**It-Tlieta, 31 ta' Jannar 2023**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tlieta, 31 ta' Jannar 2023, fil-17:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia – Kunsillier
Is-Sur Jonathan Cefai – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI
Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv


*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, Il-Fontana FNT1110, Għawdex*
*Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

**Minuti**

Is-Sindku Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

**50.1 Talba**

50.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-17:30 p.m. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**50.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

50.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**50.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti numru 49**

50.3.1 Ġew ippreżentati u approvati il-Minuti numru 49 li ġew ppreparati u ppreżentati mis-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Heidi Grech.

**50.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku għarraf lill-membri li:

50.4.1 Wara li tlabna l-intervent tal-Pulizija tal-Komunita, ħadu ħsieb li ġew notifikati s-sidien u inżabbru ż-żewġ siġar tal-ħarrub li jinsabu fi Triq Alessandro Franchi.

50.4.2 Saret wkoll it-tabella Merħba li kienet ġiet approvata xhur ilu u li tinsab fit-taraġ ta' Triq John Gaspard le Merchant li tiġi f'tarf il-konfini tal-Fontana.

50.4.3 Fuq talba tal-Awtorita tal-Ippjanar sabiex isir feature minn CVC Media dwar il-proġett ta' tisbiħ bil-porfido li sar wara l-knisja u parti minn Trejqet iċ-Ċentru Parrokjali, s-Sindku ntalab jagħmel kumment li għandu jintwera fuq il-programm Malta u lil Hinn Minna fuq TVM.

50.4.4 Il-Kunsillier Carmel Farrugia ħa ħsieb u kkomunika mal-Enemalta sabiex inqala l-meter tad-dawl li kien fi propjeta 189/190 Triq il-Għajn biex tkun tista' titwaqqa'.

50.4.5 Saret l-ikla li tqassmet lill-anzjani li jgħixu waħedhom fl-okkażjoni ta' Jum il-Milied. Dawn tqassmu mis-Sindku flimkien mall-Kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia, lil 20 anzjan jew anzjana.

50.4.6 Fit-2 ta' Jannar daħlet fis-seħħ l-iskeda l-ġdida għall-ġbir ta' Skart u l-Kunsill ħa ħsieb li f'kull residenza tqassmet l-iskeda l-ġdida li pprovda Reġjun Għawdex.

50.4.7 Is-Sindku għarraf lill-membri li saret il-laqgħa mall-Pulizija tal-Kommunita.

50.4.8 Is-Sindku għarraf lill-membri li attenda għal-laqgħa tar-Reġjun Għawdex u ġie nfurmat li l-kunsilli jistgħu jitolbu għal spejjeż li ġarbu fi ħsarat li kkawżat il-



S. Borg

maltempata li seħħet f'Novembru. Dan minħabba li hemm fond li jagħlaq ġimgħa oħra u għalhekk huwa ppropona l-kunsill jista jitlob għal rifuzzjoni tal-ispejjeż li saru relatati mal-fanal li waqa wara l-knisja. Il-Kunsill qabel.

50.4.9 Minkejja t-talba tal-kunsill li saret diversi drabi, s-sinjali tat-toroq arterji Triq il-Għajn u Triq l-Isptar San Ġiljan li issa ma għadhomx jidru baqgħu ma sarux mill-Ministeru għal Għawdex.

50.4.10 Is-Sindku ressaq talba sabiex isiru s-sinjali sofor quddiem il-Belveder ta' fuq l-Għajn ta'Bendu biex dan ikun jista jitgawda u aktar il-ġewwa biex jkunu jistgħu jgħaddu għal aħħar parti fi Triq Għajn Tuta.

50.4.11 Qed jittieħed filmat tat-twaqqigħ tal-post 189/190 minn Cordina Photo Market u li issa se jinbena f'uffiċċju tal-Kunsill, biex jibqa bħala tifkira.

50.4.12 Dwar l-inawgurazzjoni tax-xogħlijiet ta' restawr tas-saqaf tal-Għajn ta' Bendu mill-Ministru Għal Għawdex, din kienet se ssir darbtejn b'ż-żewġ dati skedati għal Diċembru u d-darbtejn kienu tħassru mill-Ministeru stess. Saret fil-11 ta' Jannar u s-Sindku ma setax jattendi minħabba li kellu appuntament l-isptar li kien ilu skedat 8 xhur iżda meta kienu nfurmati b'dan ir-risposta tal-Ministeru għal Għawdex kienet li l-attivita' se ssir xorta waħda. Għal din l-inawgurazzjoni attenda l-Kunsillier Horace Micallef.

50.4.13 Wara li jitlesta d-disinn hemm bżonn li jsiru żewġ tabelli għall-proġett ta' tisbieħ ta' taħt ir-railing kif ukoll tar-rinnovar tal-playingfield. Kien hemm qbil.

50.4.14 Hemm bżonn li ssir tiswija tal-kurduna tal-bankina li hemm fi Triq il-Għajn, li tiġi fuq in-naħa tax-xellug inti u tiela minħabba li fiha ħsara. Din it-talba kienet diġa saret permezz tal-President tal-AKL f'Settembru 2021 meta tressqet mis-sindku f'laqgħa li kellu miegħu, u kien ntbagħat ħaddiem biex jibda x-xogħol iżda waqaf wara ftit jiem. Għalhekk għandha ssir talba lill-Ministeru Għal Għawdex biex isir dan ix-xogħol peress li din hija triq arterjali.

## 50.5 Rapport ta' Evalwazzjoni

50.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ir-Rapport ta' Evalwazzjoni ppreparat mill-bord għall-approvazzjoni tal-Kunsill dwar ix-xogħol ta' tisbieħ fil-playingfield. Kien hemm żewġ offerti. Il-bord tal-evalwazzjoni jirrikomanda li l-offerta tingħata lil Mark Attard għall-ammont ta' €61,779.00 Vat eskluż.

Is-Sindku semma li llum flimkien mas-Segretarja ltqajna mas-Sur Attard fejn ġie ċċarat li l-materjal tal-porfido jrid jkun bħal dak li diġa hemm u mhux ta xi tip ieħor. Kien hemm qbil dwar dan. Il-membri ġew infurmati wkoll li wara talba li saret lil Lesa, l-iskema ġiet estiża sal-aħħar ta' Diċembru 2023.

Kien hemm qbil unanimu u r-rapport ġie approvat. Il-membri qablu li dan ix-xogħol ta' tisbieħ fil-playingfield għandu jibda wara l-festa, minħabba li

għaddejjin wkoll xogħolijiet oħrajn fuq it-tkomplija taċ-Ċentru Ċiviku kif ukoll sabiex nevitaw li ma ssirx ħsara minħabba xi possibilta ta' xita.

**50.6 Fond ta' Aġġustament**

50.6.1 Is-Segretarja Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-allokazzjoni finanzjarja relatati mal-fond ta' aġġustament għas-sena 2022 għadhom ma daħlux fil-kont bankarju tal-kunsill pero d-dipartiment ikkonferma li minħabba xi raġuni dawn ma għaddewx u għalhekk se jkunu qed jiġu trasferiti fil-kont bankarju tal-kunsill fil-ġranet li ġejjin.

Is-Segretarja nfurmat lill-membri dwar l-applikazzjoni għal-fond ta' Aġġustament għas-sena 2023 fejn l-allokazzjoni hija dik ta' €3281, ftit aktar mis-sena 2022. Is-Segretarja ssuġġerit li dawn il-fondi jintużaw għal-proġett ta' tisbiħ taħt ir-railing fi Triq il-Għajn li x-xogħlijiet se jkuni qed isiru fis-sena 2023.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan u għalhekk se tkun qed tintbgħat l-applikazzjoni tal-Kunsill sabiex ningħataw dawn il-fondi.

**50.7 Sitwazzjoni dwar ir-Resurfacing ta' Parti minn Triq il-Għajn**

50.7.1 Is-Segretarja nfurmat lill-membri li kif kien maqbul fil-laqgħa preċedenti, fid-19ta' Diċembru 2022, l-Kunsill kiteb lid-Direttur Ġenerali, s-Sa. Vicky Xuereb fejn ressaq it-talba għall-spejjeż kapitali addizzjonali li jkopru d-differenza ta' €57,635 li huwa ammont aktar mill-finanzjament allokat mill-Ministeru lill-Kunsill. Din it-talba tressqet sabiex il-Kunsill jkun jista jwettaq dan ix-xogħol ta' resurfacing f'parti minn Triq il-Għajn.

Fil-23 ta' Diċembru 2022, l-Kunsill ġie nfurmat permezz ta' imejl mibgħuta mid-Direttur Ġenerali, s-Sinj Vicky Xuereb li t-talba tal-Kunsill ma ġitx milqugħa u għalhekk qed jintalab sabiex jirrifondi l-flus lura lill-Ministeru Għal Għawdex. (Kopja tal-imejl annessa – Dokument A)

Is-Segretarja nfurmat lil-membri li intalab parir legali mingħand l-Avukat tal-Kunsill fejn huwa ssuġġerixxa li għadna nitolbu lill-Ministeru biex ningħataw id-differenza.

Is-Sindku semma li l-Kunsill investa ħafna ħin u spejjeż meta ħareġ l-offerti biex isir dan ix-xogħol u assulutament ma jaqbilx li jingħataw il-flus lura. Dan għaliex hemm kuntratt li ġie ffirmat mill-partijiet u kull segretarju eżekuttiv investa u ħadem anke mal-WSC sabiex din it-triq tkun tista ssir, fejn kien ukoll intlaħaq ftehim biex jinbidel il-mejn tad-drenaġġ prinċipali li ser tħallas għalih il-WSC u ser jiswa madwar €99,000. Semma wkoll li l-ex Segretarju Ezekuttiv Neville Galea kien għamel diversi tenttativi permess ta' imejls li ntbatu lid-Direttur Ġenerali biex issir laqgħa mal-Ministeru u l-kuntrattur tar-Road Construction Ltd dwar it-timeframe tal-bdil tas-servizzi tad-drenaġġ sabiex ix-xogħol jkun jista jibda wara li tkun lesta Foreman Street fil-belt Victoria biex ikun jista' jgħaddi t-traffiku tal-punent tal-gżira, iżda din il-laqgħa baqgħet ma saret qatt. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill lest li jkompli bil-ħidma tiegħu. Hu bi ħsiebu li jkompli jinsisti u kif ma qatgħax qalbu biex jiġi akkwsitat il-fond 189 u 190 fi Triq il-

Għajn għat-tkomplija tal-bini taċ-Ċentru Ċiviku, li t-talba għad-devoluzzjoni riegħu damet sejra 26 sena, lanqas ser jaqta' qalbu li jitwettaq ukoll dan il-proġett. Semma wkoll li jħoss li din hija diskriminazzjoni man-nies tal-Fontana għaliex minn Kunsilli oħra ma ntalbux flus lura, u forsi biex jitwaqqa' għaċ-ċajt il-kunsill li ma kienx kapaċi jagħmel dan ix-xogħol?

Il-Viċi Sindku semmiet li l-opinjoni tagħha hija li l-flus jingħataw lura lill-Ministeru għaliex din hi triq tagħhom u għandhom jieħdu ħsieb huma. Is-sindku infurmaha li qed tivvota kontra l-programm elettorali tal-partit li qed tirrappreżenta. Il-Kunsillier Micallef semma li għandna nitolbu x'inhi r-raġuni għalfejn qed jintalbu lura. Il-Kunsillier Carmel Farrugia semma li għandna ninsistu li ningħataw id-differenza ħalli l-Kunsill jagħmel din it-triq u ma jingħatawx flus lura.

Wara diskussjoni ġie deċiż li nqabbdu lill-Avukat tal-Kunsill sabiex jikteb lid-Direttur Generali fejn ninsistu li ningħataw id-differenza tal-ispiża sabiex il-Kunsill ikun jista' jagħmel din it-triq.

### 50.8 Ħruġ u Għoti ta' Offerti

50.8.1 Is-Segretarja nfurmat lill-membri li l-offerta tal-fanali tinsab fl-istadju ta' evalwazzjoni filwaqt li l-offerta għall-akkwist tal-bankijiet, l-bord tal-evalwazzjoni talab lill-Kuntrattur sabiex jipprovdi sample tal-bank, hekk kif huwa speċifikat fl-offerta.

### 50.9 Proġett ta' tisbiħ bil-Porfido taħt ir-railing fi Triq il-Għajn l-isfel mill-knisja sa Wied Siekel

50.9.1 Qegħdin nistennew li s-Surveyor Andrew Mizzi jlesti s-survey tax-xogħol ta' tisbieħ ta' taħt ir-railing f' parti minn Triq il-Għajn sabiex l-perit jkun jista jipprepara d-disinn u l-BOQ għall-offerta. L-allokazzjoni li l-kunsill ikkwalifika għalihom bħala parti mill-iskema li ħareġ id-Dipartiment tal-Gvern Lokali – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom, liema somma hija ta' €65,812.50 li tifforma minn 75% tas-somma globali allokata ta €87,500 daħħlu fil-kont bankarju tal-Kunsill.

### 50.10 Proġett ta' tkomplija tal-aħħar fażi taċ-Ċentru Ċiviku u restawr tal-Istatwi ta' San Pietru u San Pawl

50.10.1 Is-Sindku semma li fil-11ta' Jannar 2023 beda twaqqigħ u dalwaqt jitlesta. Ħadna ħsieb biex għattejna l-muturi tal-airconditions b'panels tal-injam sabiex ma jsirilhomx ħsara mit-twaqqigħ u l-kostruzzjoni. Il-Perit llum lesta l-Bills of Quantity għall-bini taċ-Ċentru Ċiviku, liema stima hija dik ta' €97,000 pero s-Segretarja ġibdet l-attenzjoni sabiex jigu pproduti wkoll d-drawings u t-terms of reference li kienu neqsin. Malli jkollna d-dokumenti kollha lesti nkunu nistgħu nipproċedu bis-sejħa għall-offerti.

Fl-20 ta' Jannar 2023 ġie ffirmat il-Kuntratt bejn il-Kappillan, d-Djoċesi ta' Għawdex u l-Kunsill sabiex jibda x-xogħol ta' restawr tal-Istatwi ta' San Pietru u San Pawl. Il-Kunsill qed jivvota €5000 għal xogħol ta' restawr u s-Surveyor Andrew Mizzi se jkun

hemm jlesti s-survey sabiex l-Perita tkun tista tapplika għall-permessi meħtieġa mill-Awtorita tal-Ippjanar.

**50.11 Insurance u reġistrazzjoni tal-Van li taħdem b'sistema elettrika**

Is-Segretarja nfurmat lill-membri li l-Van waslet Malta u għalhekk trid issir l-insurance u reġistrazzjoni tal-Van. Ġew preżentanti 4 kwotazzjonijiet tal-assigurazzjoni għal vettura li hija *fully comprehensive* u ġie maqbul li l-assigurazzjoni ssir mingħand Mercieca Financial Services għall-ammont ta' €2453.62 liema offerta kienet l-aktar vantaġġjuża. Din l-istima hija bbażata fuq sena u għalhekk l-ammont jista jinbidel skont in-numru tar-reġistrazzjoni u għeluq is-sena tal-istess numru tal-pjanċa.

Ġie deċiż wkoll li naraw jekk nistgħux nużaw in-numru tal-pjanċa KLF-001. Kien hemm qbil ukoll sabiex nieħdu ħsieb li nordnaw l-istickers u l-logos għal fuq il-van.

**50.12 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarju(budget) għas-sena 2023**

Is-Segretarja ppreżentat u spjegat l-estimi finanzjarju għas-sena 2023 li ġew unanimament approvati mill-membri.

**50.13 Rapport Finanzjarju għall-aħħar kwart tas-sena 2022**

Is-Segretarja ppreżentat r-rapport finanzjarju għall-aħħar kwart tas-sena 2022 li ġew unanimament approvati mill-membri.

**50.14 Approvazzjoni tal-Performance Appraisal tal-istaff klerikali u l-performance bonus tas-Segretarju Eżekuttiv**

Is-Segretarja nfurmat lill-membri li issa nbidel il-metodu ta' kif jintela l-performance bonus u s-Sindku kien qed jagħti 9% lis-Segretarja Eżekuttiva. Is-Segretarja ppreżentat wkoll il-performance bonuses tal-iskrivani tal-kunsill fejn is-Segretarja tat 6% kull wieħed liż-żewġ skrivani. Dawn il-bonuses ġew unanimament approvati. Is-Segretarja semmiet ukoll li l-iskrivani jitħallsu tal-bilanċ tal-leave li ma ġiex utilizzat fis-sena 2022. Kien hemm qbil dwar dan.

Is-Segretarja semmiet li kien hemm żball fil-kuntratt tal-iskrivana fejn ma kinitx allokata skala imma salarju definit li ma jinbidilx. Wara li tlabt direzzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali ġejt mitluba sabiex nagħmel addendum sabiex nindirizza in-nuqqasijiet li kien hemm fil-kuntratt oriġinali. Dan l-addendum ġie ppreżentat u approvat mill-membri. Is-Segretarja spjegat li sal-lum s-Sinjura Muscat kienet qed tieħu ammont ta' vacation leave a bażi ta' għoxrin siegħa xogħol fil-ġimgħa meta fir-realta' kienet qed taħdem aktar siegħat u għalhekk għandu jiġu vverifikat jekk hiex intitolata li tieħu aktar siegħat ta' vacation leave minħabba li jista jkun il-każ li għandu jiġi kkalkulat pro-rata. L-membri qablu li għandi nivverifika mad-dipartiment u ntuha dak li hu dritt tagħha.

Is-Segretarja semmiet li l-iskrivana Miriam Muscat taħdem ħafna pero l-uniku diffikulta li qeda ssib huma minħabba l-ħinijiet tal-ftuħ tal-uffiċċju. Is-Segretarja spjegat li ma tħossx li huwa ġust li l-ftuħ tal-uffiċċju fit-8.00a.m. spiċċa responsabbilta' tas-Segretarja. Dan għaliex l-iskrivana mhux dejjem tkun tista tiġi tiftaħ fit-8.00a.m. Is-Sindku rrimarka li l-ħinijiet għandhom jiġu stabbiliti u wieħed jara kif jirranġa s-sitwazzjoni peress li din hija part-time.

**50.15 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti**

50.15.1 Korrispondenza mingħand l-Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar informazzjoni mill-Malta Council for the Voluntary Sector. Qed jinfurmawna dwar il-proġett CLIVE li huwa ffinanzjat mill-European Solidarity Corps Programme. Talbuna ninfurmawhom jekk għandnix day centre jew gruppi ta' anzjani li jgħinu f'attivitajiet organizzati mill-Kunsill.

50.15.2 Korrispondenza mingħand l-MHAL dwar il-possibilta' li nniżlu l-attivitjiet tal-Kunsill li jkunu se jiġu varati fil-Kalendarju tal-Gvern. Dan jista jsir billi ninfurmaw lil dan l-uffiċċju sa minn 6 ġimgħat qabel kull attivita'.

50.15.3 Korrispondenza mingħand l-Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali fejn bagħtulna informazzjoni dwar il-Caritas Malta Epilepsy Association u l-International Epilepsy Day. Il-Caritas Malta Epilepsy Association ressqet it-talba sabiex il-lokalitijiet jixgħelu postijiet prominenti b'dawl ta' kulur vjola.

50.15.4 Korrispondenza mingħand l-Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali fejn nfurmawna li b'kollaborazzjoni ma' Richmond Foundation se jkunu qed jorgnizzaw taħriġ ta' Mental Helath First Aid . Dawk li jixtiequ jattendu jridu jħallsu l-ispiża ta' €90.

50.15.5 Ittra mingħand il-Gvern Lokali dwar kors ta' għajnuna għal dawk li jieħdu ħsieb persuni bid-dimensja imfassal mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. Reġistrazzjonijiet jistgħu jsiru online.

50.15.6 Korrispondenza mingħand l-Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar sessjonijiet ta' taħriġ dwar interviewing skills. Dan il-kors se jsir ġewwa l-Lukanda Salini Resort u se jkun qed jiġi offrut b'xejn mill-AKL. Madanakollu dawk li ma jattendux jkunu kostretti jħallsu €50 taħ dan il-kors.

50.15.7 Korrispondenza mibgħuta l-Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar iniżjattiva mnehdiha mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-volontarjat dwar it-tnegħdiha ta' inizjattiva sabiex flimkien mal-Kunsilli Lokali jiltaqgħu

mal-għaqdiet volontarji fil-lokalitajiet ġewwa Għawdex. Dawn il-laqgħat se jsiru kull nhar ta' Erbgħa minn April 2023. Il-Kunsill qed ikun mitlub jipprovdi post fejn tista ssir din il-laqgħa kif ukoll li l-istess Kunsilli Lokali jgħin sabiex l-għaqdiet u organizzazzjonijiet tal-lokal jkunu nfurmati dwar il-laqgħa fil-lokal partikolari.

50.15.8 Korrispondenza mingħand l-Awtorita tal-Ippjanar dwar ir-raba edizzjoni tal-Malta Architecture and Spatioal Planning Awards. Dan huwa award taħt il-patroċinju tal-Eċċellenża tiegħu l-President ta' Malta li jippromovi spazji miftuħa fil-lokalita'. Sottomissjonijiet jintlaqgħu sal-31ta' Jannar 2023.

50.15.09 Cirkulari Numru 11/20228 – Emendi fir-Regolamenti dwar Gvern Lokali (Riżorsi Umani) Leġislazzjoni Sussidjarja 363.20. Dawn l-emendi jidħlu b'effett mill-20ta' Diċembru 2022 u fihom ir-rekwiżit minimi għal mili ta' vakanzi ta' staff klerikali.

50.15.10 Korrispondenza mingħand id-dipartiment tal-Edukazzjoni dwar l-applikazzjonijiet għal korsijiet tal-lifelong learning li se jkunu miftuħin bejn il-5 u l-31 ta' Jannar 2023.

50.15.11 Korrispondenza mingħand is-Surgent John Grima fejn infurmana li s-siġar tal-ħarrub ġew miżbura skond il-permess tal-ERA.

50.15.12 Imejl mingħand Malta Crafts Foundation dwar il-Premju Ġieħ l-Artiġjanar Malti sabiex inħeġġu lil artiġjana b'ħiliet varji sabiex japplikaw.

50.15.13 Imejl mingħand Reġjun Għawdex dwar applikazzjonijiet għal Blue Book Traneeships li hija miftuħa għal studenti universitarji, liema applikazzjonijiet jagħlqu fil-31ta' Jannar 2023.

50.15.14 Imejl migħand Reġjun Għawdex dwar statement li ppreżentaw Gozo eNGO's li jinkorpora 8 punti ta' tibdil fi żvilupp u kostruzzjoni u għalhekk qed jiġi riferut lill-Kunsilli lokali sabiex jiġu lura bi proposti jew emendi fil-punti msemmija f'dan id-dokument. Tali proposti/emendi jridu jaslu sal-Gimgħa, 27ta' Jannar 2023. Is-Sindku rrimarka li din il-proposta ma ġietx diskussa fil-laqgħa tar-reġjun

50.15.15 Kwotazzjoni għal xogħolijiet ta' surveying mis-Sur Andrew Mizzi €450(Vat ezkluż) għal survey tal-istatwi ta' San Pietru u San Pawl filwaqt li €1100 (Vat eskluż) għas-survey tat-triq ta' taħt ir-railing fi Triq il-Għajn. Il-membri qablu li għandna nużaw is-servizz tas-Sur Andrew Mizzi.

50.15.16 Direttiva 1/2023 dwar il-metodu l-ġdid tal-Performance Review Report li bih jiġi kkalkulat il-Performance Bonus tas-Segretraji Eżekuttivi u li qed jidħol fis-seħħ mis-sena 2022 il-quddiem.

50.15.17 Imejl mingħand id-Direttur Ġenerali għal Gvern Lokali, s-Sur Natalino Attard, fejn infurmana li wara li r-responsabbilta' tal-immaniġġjar tal-iskart bdiet tiġi eżerċitata mill-Kunsilli Reġjonali, l-ebda kunsill ma jista' jieħu xi inizjattiva relatata ma' dan il-qasam, inkluż servizzi addizzjonali jew servizzi barra mill-iskeda nazzjonali. Jekk jirriżulta li xi kunsill qed jonfoq flus f'dawn l-inizzjattivi dan jitqies bħala nfiq bi ksur ta' liġi tal-kunsilli lokali u jkunu suġġetti għal passi skont il-liġi.

50.15.18 Korrispondenza mill-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar ċirkulari numru AKL2023/002 u AKL2023/003 dwar żewġ poloz ta' Assigurazzjoni. AKL2023/002 hija polza li tkopri flus kontanti eċċ filwaqt li AKL2023/003 hija Personal Accident Policy u li ġiet mħallsa mill-Kunsill sabiex tkopri lill-membri u l-istaff kollu tal-kunsill.

50.15.19 Imejl mingħand is-Sur Francesco Grech dwar il-Programm Idea Għawdex. Bagħtilna l-ideat li ngabru minn studenti għal-lokalita tal-Fontana u li qed jiġi ssuġġerit li jiġu diskussi fil-Kunsill. Infurmawna wkoll li se jkun qed isir serje ta' workshops bejn is-Sindki u ż-żgħażagħ li ħarġu bl-ideat biex insaħħu l-vuċi taż-żgħażagħ, liema laqgħa se ssir is-Sibt 4ta' Marzu.

50.15.20 Korrispondenza mingħand FITA Malta dwar korsijiet li qed jiġu offruti għal komunita' bla ħlas u jsiru fil-Kunsill Lokali.

50.15.21 Imejl mingħand Is-Sur Rueben Said dwar l-attivita Marathlon sporting event fejn informana li s-Sur Michael Bongailas ressaq it-talba sabiex fit-28ta' Mejju 2022 tingħalaq Triq il-Għajn mix-Xlendi sa fejn Tuta Bus Stop bejn 07.00am u l-11.30a.m. Transport Malta ma sabet ebda oġġezzjoni. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

50.15.22 Ittra mingħand Gozo Channel Ltd sabiex infurmawna dwar l-ferry e-ticketing system li se tidħol fis-seħħ mill-24ta' Jannar 2023.

50.15.23 Imejl mingħand l-Accounts unit fi ħdan id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn infurmawna li mhux se jkun hemm tnaqqis relatat ma WIFI jew MITA għaliex se jkunu assorbiti mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

50.15.24 Talba mingħand il-Kummisjoni Żgħażagħ Fontana għall-permess tal-Kunsill sabiex terġa tiġi organizzata l-Easter Drive Thru 2023. L-attivita se ssir fi Triq John Gaspard le Merchant u fi Triq Mons Mikel F. Buttigieg Street. Il-Kunsill qabel bil-kundizzjoni li ma jintefax trab fi Triq Mons

Mikiel Buttiġieġ li joħloq inkonvenjent kbir lir-residenti, bħalma kien sar sentejn ilu.

50.15.25 Talba mingħand l-għaqda Armar Fontana fejn qed jintalab il-permess tal-kunsill miex isir disinn magħmul minn pjanti tal-fjuri fuq parti mill-bejt tal-Kunsill. Id-dati ta' din il-wirja se jkunu mill-Ġimgħa 24ta' Marzu sat-Tnejn 9 ta' April 2023.

50.15.26 Imejl minn Reġjun Għawdex dwar l-ewwel Festival Letterarju għal Għawdex li se jsir fi sħab ma Inizjamed nhar l-1 u t-2 ta' April 2023. Se ssir tnedija ta' dan il-festival nhar l-24ta' Frar f'nofsinhar ġewwa l-librerija nazzjonali ta' Għawdex fi Triq il-Vajrinġa ġewwa r-Rabat.

50.11.27 Imejl mingħand IFG Sales Ltd fejn infurmana li s-servizz tagħna għalaq f'Diċembru u offrewlna l-kwotazzjoni tagħhom għal servizz ta' video on demand u online streaming. Huma spjegaw li bis-sistema l-ġdida l-kunsill se jkun qed iħallas biss rata waħda ta' €1770 li hija anqas minn kif kien jitħallas qabel għaż-żewġ servizzi u huma ta' kwalita aħjar. Huma qed joffru li jekk il-kunsill jidħol f'kuntratt ta' tlett snin, jkun jista jibgħatilna l-invoice kull xahar pero is-servizz jkun irid jitħallas irrispettivament jekk tużahx jew le, l-istess bħal kera tat-telephone.

Tlabt kwotazzjoni oħra mingħand Correct Termination Ltd għall-istess servizzi u l-prezz hu ta' €2124.50 fis-sena kif ukoll hemm spiża ta'darba ta' €236. Dan ukoll qed jitlob li jsir kuntratt ta' tlett snin.

Il-membri qablu sabiex naraw jekk IFG Sales Ltd jistgħux joffru s-servizz għall-sena u nofs, jiġifieri sa tmiem din il-leġislatura minflok ma jkun għal tlett snin. Is-Segretarja se tikkomunika ma IFG Sales LTd.

50.11.28 Kwotazzjonijiet għal 14 -ilbollard u 12 il-tabella tat-traffiku.

Tabelli – Raphael Refalo – €538.08

SMC Signs – ma offrewx stima

Bollards – Raphael Refalo - €2227.84

360rs – €504 ( €36 each)

50.11.29 Kwotazzjonijiet għall-Assigurazzjoni tal-Van li taħdem b'sistema elettrika fuq grupp D1 bi driver li jkollu t-tag li tfisser jista jsuq van bin-nies u assigurazzjoni Fully Comprehensive.

Sultech -MIB - €2542.29

Gasan Mamo - €2801.10

Mercieca financial - €2453.62

Mayjo - €2600

Elmo – 2344.58

50.11.30 Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lill-membri li ġie nnottat li l-kuntratt tal-iskrivana fih diversi nuqqasijiet fosthom li mhux iffirmat mis-Segretarju Ezekuttiv preċedenti li kien fil-kariga sat-3 ta' Settembru 2021, kif ukoll li ma fih l-ebda referenza għal-iskala tas-salarju u lanqas lejn l-Ftehim Kollettiv kif suppost bil-liġi. Għalhekk is-Segretarja talbet direzzjoni lid-DLG f'dan ir-rigward. Fuq direzzjoni li ngħatajna mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, Is-Sinjura Bernice Marston, ġejna nfurmati sabiex isir Addendum għall–Kuntratt tas-Sinjura Miriam Muscat. Dan l-addendum qed isir wara d-direzzjoni li ngħatajna mid-Dipartiment tal-Gvern lokali u qed jiġi maqbul u iffirmat fil-preżenti.

50.11.31 Saret it-talba lill-Awtorita tal-Ippjanar sabiex il-Kunsill jingħata l-fondi relatati mal-Urban Development Fund, liema ammont huwa ta' €18,368.58 sabiex jiġu allokati għal xogħol ta' ristrutturar u tisbiħ fi trejqa li hija żona residenzjali u pedonali li tinsab taħt il-livell ta' Triq il-Għajn ftit l-isfel mill-knisja parrokkjali. L-Awtorita' tal-Ippjanar qegħda titlob evidenza dokumentata ta' liema huma s-sorsi alternattivi tal-fondi li mhumiex fondi tal-Awtorita' tal-Ippjanar u li se jagħmlu tajjeb għad-differenza fl-ispejjeż għat-tkomplija ta' dan il-proġett.

50.11.32 Stedina sabiex nattendu għal-laqgħa ta' nformazzjoni dwar Project Green li se ssir l-Erbgħa, 8 ta' Frar fis-07.30a.m. l-MCC l-Belt.

50.11.33 Saret it-talba lis-Sinjura Catherine Fenech mill-Awtorita tal-Artijiet sabiex it-tlett kirjiet jingħaqdu flimkien.

50.11.34 Qed tiġi ppreżentata lista mmarkata bħala Dokument B li turi oġġetti li huma skaduti u/jew mkissrin u għalhekk qed titressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex dawn l-oġġetti jiġu disponuti bħala bulky waste kif ukoll jitnaqqsu mill-inventarju. Din il-lista mmarkata bħala Dokument B ġiet unanimament approvata.

50.11.35 Id-dokument tal-Bye Law ġie ffinalizzat u fid-19ta' Jannar 2023 inbagħat lis-sezzjoni legali tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex tiġi evalwata u b'hekk jkun jista jibda l-proċess legali.

**50.14 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

Ma kienx hemm mistoqsijiet mingħand il-Kunsilliera.

**50.15 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.**

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 39/2022 għal perjodu ta' bejn l-23 ta' Diċembru 2022 u t-30 ta' Jannar 2023, li tammonta għal €30,390.11 ġiet

approvata u ffirmata. Ġiet preżentata wkoll kopja tal-ispjejjeż relatati ma Petty Cash li saru matul ix-xahar ta' Jannar.

**50.16 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali intemmet fit-19.15pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 6 ta' Marzu 2023 fil-17.30pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

Konfermati, llum it-Tnejn, 6 ta' Marzu 2023.

Saviour Borg
Sindku

Heidi Grech
Segretarju Eżekuttiv

'Dokument A'

## Grech Heidi Victoria at Fontana Local Council

**From:** Xuereb Vicky at MGOZ-Strategy & Support
**Sent:** Friday, 23 December 2022 14:25
**To:** Grech Heidi Victoria at Fontana Local Council
**Cc:** Borg John at MGOZ-PS
**Subject:** Re: Xogħol ta' Resurfacing fi Triq il-Għajn

Dear Ms Grech

The Ministry for Gozo has evaluated your request and would like to inform that it has not accepted your request. Your are kindly being requested to reimburse any money that we forwarded to the Local Council.

Thanks
Vicky


Vicky Xuereb
Director General
Head Office
Strategy & Support Division

t +356 22100207 e vicky.xuereb@gov.mt
www.gozo.gov.mt | www.publicservice.gov.mt

MINISTRY FOR GOZO
GOZO ADMINISTRATION CENTRE, ST. FRANCIS SQUARE,
IR-RABAT, GOZO, MALTA


Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail

**From:** Grech Heidi Victoria at Fontana Local Council <heidi-victoria.grech@gov.mt>
**Date:** Wednesday, 23 November 2022 at 12:12
**To:** Xuereb Vicky at MGOZ-Strategy & Support <vicky.xuereb@gov.mt>
**Subject:** Xogħol ta' Resurfacing fi Triq il-Għajn

Direttur Ġenerali
Sinjura Vicky Xuereb,

Nispera li tinsab tajba. Nagħmel referenza għall-finanzjament mill-Ministeru għal Għawdex sabiex isir xogħol ta' resurfacing f'parti minn Triq il-Għajn, Fontana. L-estimi sabiex jitwettaq dan ix-xogħol, jiġifieri li jkopri x-xogħol ta' resurfacing fi Triq il-Għajn minn Pjazza Tomba sa Triq il-Kappillan Ħili jaqbeż il-finanzjament allokat mill-MGOZ u għalhekk il-kunsill qiegħed ġentilment iressaq it-talba sabiex il-Ministeru għal Għawdex jalloka l-ammont ta' €57,635 sabiex dan ix-xogħol jkun jista jsir. Hawn anness, għandek issib l-istimi relatati li jkopru wkoll is-servizzi tal-ilma u d-dranaġġ.

Is-Stima totali hija dik ta' €369,041.05 u l-finanzjament allokat mill-MGOZ lill-Kunsill kien dak ta' €191,000.

Fid-dawl tal-fatt li din hija triq arterjali u li qatt ma kienet responsabilta' tal-Kunsill, l-Kunsill qiegħed ġentilment jitolbok tinfurmana jekk il-Ministeru hux se jkun qiegħed ikopri l-ammont ta' €57,635 sabiex nkunu nistgħu nipproċedu bis-sejħa għall-offerti.



G. Bez

Tislijiet,

**Heidi Grech**
Executive Secretary - Fontana Local Council

**Tel No: +356 21558877**
**Email:** heidi-victoria.grech@gov.mt

'Dokument B'

Fontana Local Council / Kunsill Lokali il-Fontana
Multi Purpose Room, Triq ta' Mulejja,
Fontana, FNT 1110, Gozo.
Tel. 21558877 / Mob. 79558875
fontana.lc@gov.mt

LIST OF INVENTORY ITEMS TO BE DISCARDED

| |
|---|
| 1 X Standing Fan (in very bad condition) |
| 5 X Old Damaged Waste Bins (2 green + 1 grey + 2 blAck) |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |

SIGNED

SAVIOUR BORG - MAYOR

HEIDI GRECH – EXEC. SECRETARY

APPROVED DURING MEETING NO: 50/2023

31st January 2023